**Reġjun Għawdex**

Laqgħa Nru. R2/10

**1.01** Minuti tal-laqgħa li saret l-Erbgħa 1 ta' Settembru 2010.

**1.02** Il-Kumitat Reġjonali Itaqa' fil-12.00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat

**1.03 Preżenti**

| | |
|---|---|
| Dott. Samuel Azzopardi | President |
| Paul Buttiġieġ | Viċi-President |
| Salvu Borġ | Membru |
| Frans Cauchi | Membru |
| Joseph Sultana | Membru |
| Miriam Portelli | Membru |
| Joe Cordina | Membru |
| Dr. Monica Vella | Membru |
| Carmelo Saliba | Membru |
| David Soler | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati**

Il-membri David Apap, Noel Formosa u Philip Vella.

## 1.04 Aġenda

Il-Kumitat Konġunt mexa fuq l-avviż li ħareġ fil-28 ta' Awwissu 2010

1. Talba
2. Qari tal-minuti u Approvazzjoni tal-minuti
3. Punti mill-Minuti
4. Korrispondenza
5. Hatra tas-Segretarju tar-Reġjun
6. Ufficju Reġjonali
7. Approvazzjoni tal-pagamenti
8. Materji Oħra

## 2. Qari u Approvazjoni tal-Minuti

**2.01** Peress li l-minuti ntbagħtu mal-aġenda, il-Minuti tal-laqgħa tad-19 ta' Awwissu ttieħdu bħala moqrija bi qbil unanimu minn dawk preżenti.

**2.02** Is-Sur Carmelo Saliba talab korrezzjoni fl-introduzzjoni li 'Is-Sur Carmelo Saliba għan-nom tal-membri ta l-kondoljanzi lil Dott. Samuel Azzopardi u l-familja Azzopardi' tiġi emendata għal; 'Is-Sur Carmelo Saliba għan-nom tal-membri ta l-kondoljanzi lil Dott. Samuel Azzopardi u l-familja Azzopardi għat-telfa tal-kuġin tiegħu s-Sur Emanuel Azzopardi'. Il-membri kollha preżenti qablu.

**2.03** Il-minuti ġew approvati unanimament mill-membri preżenti.

## 3. Punti mill-Minuti

**3.01** Dott. Samuel Azzopardi qal li l-Bord tal-għażla għas-Segretarju Eżekuttiv iltaqa u r-rapport dwar din l-għażla tiġi diskussa taħt suġġett ieħor.

**3.02** Dott. Samuel Azzopardi ltaqa' mal-Perit, is-Sur Edward Scerri li għandu jibgħat *specifications* dwar l-uffiċju Reġjonali.

**3.03** Dwar il-*working plan*, Dott. Samuel Azzopardi qal li waqt laqgħa f'Kastilja illi r-Reġjun Għawdex jkun lest bħala struttura sa l-1 ta' Ottubru 2010 għal bidu tar-Reġjun Għawdex.

**3.04** Is-Sur David Soler informa lis-Sur Michael Cohen fejn talab informazzjoni dwar l-patt tas-Sindki u x'għandhom jagħmlu l-Kunsilli Għawdxin sabiex jiffurmaw parti minn dan il-patt.

## 4. Korrispondenza

Ġiet imressqa korrispondenza mingħand:-

**l4.01** Is-Sinjura Helen D'Amato fejn ġiet mgħarfa bid-deċizjoni li s-Sinjura Miriam Portelli, Sindku tan-Nadur ġiet maħtura bħala rappreżentant tar-Reġjun fuq il-*working group* – Kummissjoni tat-tfal.

**4.02** Is-Sur David Soler fejn ta' dettalji dwar in-numru tal-kont bankarju, logo, indirizz kemm ta' l-uffiċju kif ukoll tat-tribunal tar-Reġjun Għawdex u firem tiegħu u tal-prosekutur lill Maurice Caruana, Chairman LES u d-Datarak. Dawn ta' l-aħħar sabiex ikunu jistgħu jkomplu bis-*software* l-ġdid għar-Reġjun Għawdex.

**4.03** Is-Sinjura Charlotte Bonavia, MEPA, fejn infurmat il-kumitat li l-MEPA u l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienu se jorganizzaw sensiela ta' *seminars* ta' informazzjoni għall-persuni amministrattivi li jaħdmu fil-Kunsilli Lokali bil-għan li jżidu l-għarfien tagħhom dwar is-servizzi elettroniċi li toffri l-MEPA permezz tas-sit tagħha www.mepa.org.mt u sistemi oħra tal-informatika. Il-MEPA stiednet lil Dott. Samuel Azzopardi bħala President tar-Reġjun Għawdex, biex jagħmel introduzzjoni qasira qabel ma jibda s-*seminar*. L-ewwel laqgħa ser issir fl-14 ta'

Settembru 2010 fl-NGO centre fix-Xewkija bejn id-8.45 u 10.45. Is-Sur David Soler, għandu jitlob lis-Sinjura Charlotte Bonavia logo tal-MEPA biex joħrog ċirkolari lill-membri tal-Kumitat dwar dan is-*seminar*.

**5 Ħatra ta' Segretarju tar-Reġjun**

**5.01** Dott. Samuel Azzopardi qara rapport li l-Bord tal-Għażla għamel wara l-*interviews* mill-pool ta' persuni nominati li fosthom għandu jintagħżel is-Segretarju Eżekuttiv għar-Reġjun Għawdxi. Ir-rapport wera li s-Sur Ian Paul Bajada kellu l-għola marki u għaldaqstant ġie propost li jiġi maħtur bħala s-Segretarju Eżekuttiv għar-Reġjun Għawdex.

**5.02** Wara diskussjoni qasira l-membri preżenti kollha tal-Kumitat Reġjonali qablu mar-rapport li għamel il-Bord ta' l-għażla u għalhekk għandu jaħtar lis-Sur Ian Paul Bajada li ġie ikklassifikat l-ewwel bħala Segretarju Eżekuttiv għar-Reġjun Għawdex.

**5.03** Is-Sur David Soler għandu jikkomunika din id-deċizjoni lis-Sur Ian Paul Bajada u jitolbu jekk jaċċetax dan l-inkarigu

.

**6 Ufficju Regjonali**

**6.01** Dott. Samuel Azzopardi ltaqa' mal-Perit, is-Sur Edward Scerri li għandu jibgħat b'*email specifications* dwar Uffiċju Reġjonali u jiġu mibgħuta lil kull membru ta' dan il-Kumitat.

**7 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

**7.1** Peress li ma kien hemm l-ebda pagament ma sar l-ebda approvazzjoni tal-pagamenti. Fil-fatt il-pagament tal-media kien ġa ġie deċiż li jitħallas mill-Kumitat Reġjonali.

**8 Materji oħra.**

**8.1** Ġie propost li l-Kunsill Lokali tal-Għasri permess tas-Sindku jagħti informazzjoni dwar installazjoni dwar *windfarms* għas-*solar energy panels* fil-laqgħa li jmiss.

**8.2** Is-Sur Joseph Sultana qal li kull Kunsill Lokali li hu interessat fil-proposta ta' ħlas ta' energija minn *solar energy panels* għandu jara kemm għandu art li tiġi kunsidrata bħala *wind farm* fejn jistgħu jiġu nstallati *solar energy panels.*

**8.3** Is-Sinjura Miriam Portelli qalet li l-Kunsill tan-Nadur ġie mitlub iħallas 300 Euro għal-laqgħa li saret tal-ERDF. Is-Sur Joseph Sultana qal dan il-kont kien għal stima. Dott. Samuel Azzopardi spjega kif hemm deċiżjoni mill-Kamra tal-Inġiniera dwar rata għal dawn l-istimi.

**8.4** Dott. Samuel Azzopardi qara artiklu 3.3 mid-Direttivi dwar il-Kumitati Reġjonali fejn jgħid li jekk Sindku ma jkunx jista jattendi laqgħa, għandu jintbgħat sostitut. Għaldaqstant meta ma jkunx hemm l-ebda rappreżentant għal-laqgħa tal-kumitat Reġjonali, is-Sindku tal-Kunsill Lokali jitqies assenti.

**8.5** Is-Sur David Soler qal li s-Sindku tal-Għarb, is-Sur David Apap ma jista' qatt jattendi jekk il-laqgħat isiru nhar ta' Erbgħa għax ikun xogħol Malta. Dott. Samuel Azzopardi qal lis-Sur David Soler għandu jibgħat isaqsi liema ġranet jista' jattendi.

**8.6** Dott. Samuel Azzopardi qal li l-Kunsill Lokali Rabat kellu offerta mingħand id-ditta *Gillette* fejn qegħdin joffru *shaving blade Gillette* lill-membri maskili ta' kull familja mit-tmintax-il sena 'il fuq. Dawn is-*shaving blades* jitqassmu mill-Kunsilli Lokali lil kull minn imur il-Kunsill u miegħu jieħu l-ID.

**8.7** Kull Kunsill Lokali għandu jieħu ħsieb illi jitqassmu fid-djar tal-lokalitajiet rispettivi *flyer* fuq din il-promozzjoni jew jiġi inkluż mal-bullettin li joħroġ il-Kunsill Lokali.

**8.8** Ġie deċiż ukoll li ma' jitqasmux fl-erbatax-il Kunsill Lokali flimkien iżda t-tqassim jkun magħmul minn 4 gruppi ta' Kunsilli Lokali.

Peress li ma kienx hemm materji oħra, l-laqgħa ntemmet fis-1.30 p.m

| | |
|---|---|
| Samuel Azzopardi | David Soler |
| *President* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Reġjun Għawdex | |